MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 169/2006

**David Ellis, Karta ta' l-identita' numru 418390 (M)**
**bhala**
**Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**Vs**

**Stephen Abela u Mary Rose Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** ta' l-1 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu l-attur noe ppremetta illi l-konvenuti huma debituri tieghu fis-somma ta' erbgha mija u tnax il-Liri Maltin (Lm412), rapprezentanti mizati ta' "*term*" li gew rezi dovuti a tenur tal-Artikolu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St. Edward's stante li l-konvenuti naqsu milli jaghtu l-preavviz mehtieg skond l-istess Artikolu li t-tifel taghhom mhux ser jattendi l-iskola izjed u dan skond kont li jgib id-data tat-2 ta'

Settembru 2004 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat “Dok A”, u skond kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenuti Stephen Abela u Mary Rose Abela ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti u ghalhekk qed issir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-hawn fuq imsemmi ammont ta’ erbgha mija u tnax il-Liri Maltin (Lm412) lill attur nomine.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittjiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra legali li ggib id-data 13 ta’ Gunju 2005 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-**risposta** ta’ Stephen Abela tat-28 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut ghaliex is-servizz ma nghatax u dan kif ser jirrizulta mill-provi illi ser jigu prodotti waqt l-andament tal-kawza, bl-ispejjes kontra l-attur illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tat-13 ta’ Gunju 2006 u n-nota ta’ cessjoni ta’ l-istess data pprezentat mill-attur noe biss fil-konfront tal-konvenuta Mary Rose Abela.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur, bhala bursar tal-Kullegg St. Edwards qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ndikata fl-Avviz, prezz ta’ mizata ta’ *term* wiehed a tenur tar-regolamenti stess tal-Kullegg.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad illi ghandu jhallas "*ghax s-servizz ma nghatax*".

L-attur, fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghal Dok A esebit ma' l-Avviz u jirrimarka illi filwaqt illi l-kont ta' l-ewwel term ghas-sena skolastika 2005/2006 kien ta' erba` mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm424.25), b'dana kollhu qed jintalab biss il-hlas ta' erba` mija u tnax il-Liri Maltin (Lm412) rapprezentanti biss l-fee, peress illi l-bqija ta' l-ammont jirrapprezenta servizzi mhux rezi.

Jispjega pero` illi meta tifel ma jkunx ser jattendi l-iskola, l-Kullegg ghandu jkun avzat almenu xaghrejn qabel il-bidu tas-sena skolastika. L-attur jaghmel referenza ghall-klawsola 7.1 tar-regolamenti – Dok DE1. Jghid wkoll illi kull genitur ikun mgharraf u moghti kopja tar-regolamenti. Jesebixxi f'dan ir-rigward Dok DE2.

L-attur esebixxa wkoll l-iskambji ta' korrispondenza bejn il-kontendenti – Dok DE3 l-ittra li permezz taghha l-kullegg gie mgharraf illi t-tifel tal-konvenut ma kienx ser jattendi l-iskola aktar, u Dok DE4 – ir-risposta u l-posizzjoni tal-Kullegg f'dan il-kaz.

Il-konvenut, minn naha tieghu jghid, b'gustifikazzjoni ghar-raguni illi biddel l-iskola tat-tifel, illi t-tifel kien ilu zmien jigi *bullied* u nsulentat fl-iskola – u ha decizjoni appena sar jaf b'dan.

Jghid illi l-mara tieghu kienet taf b'din is-sitwazzjoni, hekk kif kienet taf bintu (oht it-tifel), izda hu sar jaf l-ahhar. Jghid illi meta stieden lit-tifel sabiex imur ikellem lis-Surmast, it-tifel irrisponda illi ma riedx imur aktar hemmhekk u jekk jersaq lejn dik l-iskola ghax "*he will run away*". Imbaghad jghid – "*jiena ghamilt laqgha ma` ommu. Ltqajna u ddecidejna illi nbidlulu l-iskola*". Imbaghad tkellmu mad-Direttur ta' l-Iskola St. Michael – u t-tifel beda hemmhekk. "*Ezatt meta t-tifel gie accetta l-iskola St. Michael's, jiena ktibt , allura fil-15 ta' Settembru 2004*" lill-iskola St. Edward's.

Il-konvenut jghid (30.01.07) illi t-tifel kien gharrfu illi kien qed jiehu xi *counselling* fl-iskola nnifisha u ghalkemm ommu kienet taf b'dan, b'dana kollu lilu hadd qatt ma qallu.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-ittra tal-konvenut tal-15 ta' Settembru 2004 tasal biex tirringrazzja lis-Sur Saliba "*and all the staff of the college for all their help and dedicaton throughout the child's past scholastic years*". Ma' ssemma xejn dwar l-allegat *bullying* f'dik l-ittra – u jidher illi kien biss fl-ittra tal-24 ta' Gunju 2005, illi l-ewwel li gharraf b'dan kollu lill-kullegg de quo. Posizzjoni mbaghad illi giet sostnuta fin-nota tal-konvenut tat-8 ta' Marzu 2006 b'risposta ghall-ittra ufficcjali tal-kullegg attur u fil-kawza odjerna.

Mistqosi dwar din l-apparenti anomalija, il-konvenut (15/11/06 in kontro-ezami) jghid biss illi jemmen illi s-Sur Saliba ma kienx jaf minn xiex kien ghaddej it-tifel u "*kien inutili noqghod naghti hafna dettalji u wassalt biss id-decizjoni illi jiena kont hadt*".

It-Tribunal iqis tlett affarijiet importanti li jirrizulta mill-provi migjuba :

a) In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn it-tifel u missieru u bejn l-istess konvenut u l-bqija tal-membri tal-familja tieghu, inkluz l-omm, li setghet din is-sitwazzjoni wasslet ghal aktar hsara.

b) Illi r-regolamenti esebiti, una volta accettati mill-genituri tat-tfal li jattendu l-Kullegg jifformaw kuntratt appuntu bejn il-genituri u l-kullegg.

c) Illi ndependentement mill-ezitu finali ta' din il-kawza, huwa necessarju illi l-Kullegg attur jiehu nota tax-xhieda prodotti f'din il-kawza u dan it-Tribunal, ihoss opportun illi jissuggerixxi illi l-kullegg jinvestiga u jara illi jekk hemm problema ta' *bullying* – din tigi ndirizzata minnufih sabiex hadd mit-tfal li jattendu dan il-Kullegg ma jsib ruhu fil-problemi li sab ruhu fihom it-tifel tal-konvenut.

In kwantu ghall-vertenza – l-Artikolu 960 tal-Kap 16 ifisser kuntratt bhala konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni.

Meqjusa kuntratt bejn il-Kullegg u l-genituri, allura r-regolamenti tal-Kullegg ghandhom jitqiesu li ghandhom sahha ta` ligi ghall-partijiet msemmija.

F’dan il-kuntest, filwaqt illi it-Tribunal jissimpatizza ferm mal-konvenut u l-akkadut lit-tifel tieghu, b’dan kollu ma` jqisx illi l-mod kif irreagixxa l-konvenut kien jintitolah jikser il-kuntratt minghajr konsegwenza.

Li l-konvenut fittex skola ohra minghajr ma ndirizza lill-iskola attrici, partikolarment meta kellu fiducja fis-Sur Saliba – tirrendi l-agir tal-konvenut f’ghajnejn il-ligi skorrett u bi ksur tal-kuntratt tieghu ta’ genitur mal-Kullegg attur.

Filwaqt illi wiehed jifhem id-dieqa u l-pre-okkupazzjoni illi l-konvenut seta` hass meta sar jaf bl-akkadut, b’dana kollu, forsi anke ghan-nuqqas ta’ komunikazzjoni li l-konvenut kellu ma’ omm l-istess tifel u anke ma` l-istess tifel – ma jistghax jigi permess illi kuntratt jinkiser qisu xejn ma hu xejn.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal ghalhekk ihoss illi t-talba attrici timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jordna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur noe s-somma ta’ erba` mija u tnax il-Liri Maltin (Lm412), bl-imghax legali mid-data tas-17 ta’ Frar 2006 sal-hlas effettiv u bl-ispejjes ta’ din l-istanza li ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------